MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru 1341/2007

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo u Spettur Joseph Mercieca)

vs

Karl Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 28686M, akkuzat talli:

- f’tas-Sliema nhar it-13 ta’ Novembru 2002 ghal habta tal-09.55p.m. ikkommetta serq ta’ somma ta’ flus u affarjiet ohra, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin, kif ukoll bil-lok, sar ghad-detriment ta’ Carmel Bugeja minn

Haz-Zabbar, ta’ Salih Sarp Eskiswdi mit-Turkija u/jew ta’ persuni ohra;

- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra zewg persuni u cioe’ Carmel Bugeja minn Haz-Zabbar kif ukoll Salih Sarp Eskwisdi mit-Turkija, kontra l-volonta’ taghhom, liema persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew offizi fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, jew ta il-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati;
- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li ikkommetta d-delitt ta’ serq, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u garr arma tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Tittratta serqa li twettqet fuq ‘receptionist’ u terz fl-lukanda bl-isem “Merill Apart Hotel” sita Triq Mattew Pulis, Tigne, Sliema. Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-abbli difensur il-Qorti tasserixxi li hemm provi bizzejjed kontra l-imputat li jwasslu ghall-konvicju tieghu.

Jirrizulta bhala fatt li tlieta kienu l-awturi f’din is-serqa u tnejn il-vittmi. Bhala fatt pruvat jirrizulta li r-‘receptionist’, fil-hin tas-serqa, kien wahdu jaqdi d-doveri tieghu meta improvisament dahal fuqu wiehed mill-malviventi segwit minn tnejn ohra. Kienu lkoll mghammdin b’dak li dahal l-ewwel b’pistola f’idejh li ppuntahielu fid-direzzjoni tieghu.

Huwa kien kostrett jiftah is-safe u ghadda ammont ta' mitejn seba u ghoxrin f'Liri Maltin lill-malviventi. Rigward it-terz dan inzerta kien student ta' nazzjonalita' Torka li nserta fil-lukanda u li dak il-hin kien hiereg minnha. Hu ta lill-malviventi is-somma f'Liri Maltin ta' Lm3.75 ossija l-flus kollha li kellu fuq il-persuna tieghu. Dan ta' l-ahhar ma xehedtx quddiem il-Qorti izda xehed fl-inkjesta. Fil-kors tas-serqa insterqet wkoll ic-cavetta tas-safe.

Intant, kontra l-imputat hemm stabbilit il-fatt li fuq il-locus instabet impronta minn tieghu precisament li giet postiivament ikkomparata mas-saba il-kbir tieghu ta' idu l-leminija. F'dan il-kuntest l-espert nominat biex janalizza u jaghmel komparazzjoni tal-impronti li ngabru mill-locus mill-'lifters' elevati jghid illi din kienet identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-imputat. Dan il-'lifter' partikolari jirrizulta li gie elevat minn fuq is-sellatura tal-bieba tan-naha tax-xellug tal-bieb ta' barra tal-lukanda.

Huwa proprju fuq daqshekk li l-Qorti tafferma l-htija tal-imputat fis-serqa meritu din il-kawza fin-nuqqas tal-imputat li jghati spjegazzjoni plawsibbli, imqarr fuq bazi ta' probabbilita', dwar kif rrizultat fejn rrizultat l-impronta tieghu. Din pero' ma saritx tant li l-imputat ghazel li ma jixhidtx quddiem il-Qorti.

L-akkuzi l-ohra ilkoll jirrizultaw ghalkemm mhux car jekk l-arma tan-nar kinitx arma regolari jew imitazzjoni. Dan dwar x'setghet kienet l-ghamla tal-arma mhiex konstatabbli billi ebda arma ma giet esebita. Pjutost il-Qorti fuq l-iskorta tal-barrani li xehed fl-inkjesta ser taghti l-beneficcju tad-dubbju u tikkunsidraha bhala imitazzjoni.

Fuq l-iskorta ta' dak deciz issib u tiddikjara l-imputat hati tar-reati lilu addebitati. Rat l-Artikolu: 261(a)(c)(f), 262(b), 267, 270, 275, 276, 277(a), 279, 280(2), 86 u 17(b)(h) tal-Kap 9 u 55(a) tal-Kap 480. Billi ghalkemm l-imputat jidher, mill-fedina penali tieghu, li gia' kellu precedenti ta' serq, malgrad dan il-Qorti mhux tal-fehma li timponi piena ta' prigunerija effettiva kkonsidrat l-eta' zghira meta twettaq ir-reat. Fuq l-iskorta tal-Artikolu 7 u 23(2) qeghda ghaldaqstant tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-

probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum b’dan li irid jobdi kull ordni u direttiva li jinghata mill-ufficjal tal-probation u bit-twissija cara li din ser tkun l-ahhar opportunita’ ghalih li jirriforma. Mill-kumplament rat l-Artikolu 57 tal-Kap 480 u taghmel projibizzjoni fuq l-imputat li ikollu xi licenzja taht c-citat Kap 480 ghall-zmien hames snin mill-lum. Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah ihallas l-ispejjes kollha fin-nomina tal-esperti konnessi mal-kaz.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------